29 ta' Mejju, 1957

*Imħallef:—*

## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Salvino Ellul Bonnici *versus* Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et. ne

## Petizzjoni ta' Legat — "Conservatorio Vincenzo Bugeja" — "Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" — Preskrizzjoni — Pussess — Azzjoni — Interess — Art. 885 tal-Kodiċi Ċivili

*Fil-fondazzjoni li l-Markiż Vincenzo Bugeja għamel biex waqqaf l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" u l-"Conservatorio Vincenzo Bugeja", il-fondatur assoġġetta dik il-fondazzjoni għall-kondizzjoni illi, jekk xi ħadd jittrasferixxi dak l-Istitut band'oħra, jew ibiddel l-iskop tiegħu, jew jirriduċieh għall-użu ta' konvitt jew skejjel, anki jekk dan ikun irid isir għal skopijiet u finijiet ta' utilità ugwali jew akbar, il-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, u kull ċittadin, jistgħu jaġixxu ġudizzjarjament u jipprovokaw id-dekadenza tal-Konservatorju u tal-Istitut minn kwalunkwe benefiċċju u mill-laxxiti lilhom imħollija jew li jidderivawlhom mill-fondazzjoni; f'liema każ, wieħed għandu jipproċedi għall-bejgħ tal-bini, tar-renti u tal-mobbli li jispettaw lill-Konservatorju, u r-rikavat nett tal-bejgħ imur, nofsu favur il-kosangwinei sal-għaxar grad, u nofsu favur il-fqar.*

*Min jaġixxi għandu jkollu nteress li jaġixxi, għax l-interess huwa l-miżura tal-azzjoni. Għaldaqstant, min jagħmel kawża preambula għal kawża oħra, biex jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni tad-dekadenza fuq imsemmija biex isservieh għal kawża oħra li jagħmel il-quddiem bħala konsegwenza ta' dik id-dekadenza, għandu interess jaġixxi in kwantu għandu nteress jagħmel il-kawża l-oħra; kwindi l-azzjoni tiegħu għal dik id-dikjarazzjoni hija suġġetta għall-istess preskrizzjoni li għaliha tkun suġġetta l-azzjoni tiegħu fil-kawża l-oħra; u għalhekk il-preskrizzjoni hija sollevabbli kontra l-azzjoni tiegħu anki fil-kawża fejn jitlob id-dikjarazzjoni tad-dekadenza, u ma jistgħax jallega li din il-preskrizzjoni mhix sollevabbli f'din il-kawża, imma tkun sollevabbli, se maj, fil-kawża ta' wara.*

*Kontra d-domanda għal din id-dikjarazzjoni ta' dekadenza, però, mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' għaxar snin preskritta għall-azzjoni ta' petizzjoni ta' legat; għaliex l-attur ma huwiex qiegħed jitlob ebda legat, u d-dritt li jipprovoka din id-dikjarazzjoni mhux mogħti lill-interessati bħala legatarji, tant li jinsab mogħti lil kull ċittadin; u l-flus li jistgħu jidderivaw lill-attur in segwitu għad-dekadenza minnu mitluba mhumiex flus derivanti minn legat. Barra minn dan, anki fl-ipotesi li l-attur ikun qiegħed jitlob legat, hu jitlef bil-preskrizzjoni d-dritt li jitlob il-legat fil-każ li ħadd ieħor ikun akkwista dak il-legat b'pussess għaż- żmien stabbilit mill-liġi; għax din il-preskrizzjoni mhix estintiva, imma akkwiżitiva, u bħala tali, mhux biżżejjed li l-legatarju jkun inerti għaż-żmien rikjest mill-liġi biex jintilef id-dritt għall-legat, imma hemm bżonn li l-użurpatur ikun ippossjeda l-ħaġa abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun ippossjediha "animo domini"; liema pussess irid ikun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi; kif ukoll "animo domini".*

*Il-prova ta' dan il-pussess trid issir minn min jallega l-preskrizzjoni; u trid issir b'mod infranġibbli, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; b'mod li, jekk din il-prova ma ssirx minn min jallega l-preskrizzjoni, din l-eċċezzjoni ma tirnexxix.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur jitlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, billi b'kuntratt publikat minn Nutar Francesco Saverio Camilleri fl-4 ta' Diċembru 1888 il-Markiż Vinċenzo Bugeja għamel fondazzjoni ta' Konservatorju f'bini ta' proprjetà tiegħu li jinsab fi Trieq San Ġużepp, "ħdejn l-ark il-kbir tal-fjordaliżi", recte fil-limiti ta' Santa Venera, għall-iskop li jiġu fih milqugħa u edukati l-bniet iltiema u fqar, u assoġġetta din il-fondazzjoni għall-"Leggi e Condizioni" f'dak il-kuntratt imposti; u fl-art. 20 ordna illi ħadd ma jista' jittrasporta dan l-istitut band'oħra, u lanqas jibdillu l-iskop tiegħu, jew jirriduċieħ għall-użu ta' konvitt jew skejjel, anki jekk dan ikun irid isir għal skopijiet u finijiet ta' utilità ugwali jew akbar; u fl-art.

22 ordna illi, fil-każ li tiġi trasgredita l-volontà tiegħu, kellu wieħed jipproċedi għall-bejgħ tal-bini u tar-renti u tal-mobbli li jispettaw lill-Konservatorju minnu fondat, u li mir-rikavat nett ta' dan il-bejgħ, nofs eżatt għandu jmur a favur tal-konsangwinei tiegħu sa l-għaxar grad, u n-nofs l-ieħor imur a favur tal-fqar; u awtorizza mhux biss lill-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, imma wkoll kull ċittadin, biex ikollu l-jedd li jaġixxi ġudizzjalment u jipprovoka d-dekadenza fuq imsemmija;

Premessa d-dikjarazzjoni illi l-"Conservatorio Vincenzo Bugeja" ġie effettivament trasportat band'oħra, u fil-fatt il-lum jinsab allokat f'dar privata msemmija "Villa Sunset", li tinsab fi Trieq Sant'Anton, Ħal Balzan, fil-waqt illi l-"Conservatorio" stess jinsab okkupat mill-korp tal-Pulizija, li qegħedha tużah bħala Depot Ċentrali tagħha; u li l-"Istituto Tecnico", li jifforma parti ntegrali mill-imsemmi "Conservatorio", u ġie mibni għal dan l-iskop bi flus imħollija mill-istess fundatur, ġie magħluq, u minfloku l-lum tinsab "Approved School", ġa magħrufa bħala Riformatorju;

Premessa d-dikjarazzjoni illi fl-art. 20 tal-predetta fondazzjoni l-fondatur ordna illi, jekk isir diversament mix-xewqat tiegħu, jew "per qualunque altra superiore disposizione, o ecclesiastica o civile, o per qualunque motivo", l-istitut għandu jispiċċa xahar qabel id-deroga, taħt piena ta' dekadenza perentorja, komminazzjoni li ġiet ripetuta fl-art. 49 tat-testment fuq imsemmi;

Premessa d-dikjarazzjoni illi l-konvenuti krew lill-Gvern Ċivili ta' Malta, u dan fil-kwalità tagħhom ta' amministraturi tal-imsemmija fondazzjoni, tant il-"Conservatorio" kif ukoll l-"Istituto Tecnico", bħal ma jirriżulta mill-kuntratti relativi (dok. B u E);

Jiġi dikjarat u deċiż illi t-trasferiment band'oħra tal-"Conservatorio Vincenzo Bugeja" u s-soppressjoni tal-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", kif ukoll it-trasfor-

mazzjoni tagħhom rispettivament f'Depot tal-Pulizija u f'Approved School, jikkostitwixxu vjolazzjoni u ksur tal-"Leggi e Condizioni" li huma l-klawsoli fondamentali mposti mill-fundatur, partikularment tal-art. 20 tal-istess fondazzjoni; u per konsegwenza tiġi dikjarata d-dekadenza tal-"Conservatorio" u "Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" minn kwalunkwe benefiċċju u laxxitu lilhom imħolli, jew li jidderivalhom mill-imsemmija fondazzjoni. B'riżerva ta' kwalunkwe dritt ieħor li jikkompeti lill-attur għat-termini tal-fondazzjoni u tat-testment fuq imsemmija, partikularment li jitlob il-bejgħ tal-istabili u proprjetà oħra tal-konvenuti nomine f'ġudizzju separat, bħala konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' dekadenza fuq imsemmija. Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li biha jesponu illi l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" mhux legalment rappreżentat, billi ma ġiex imħarrek il-President tiegħu; illi, fil-meritu, ebda vjolazzjoni, la tal-fondazzjoni u lanqas tat-testment, ma saret, kif jirriżulta l-quddiem fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża; illi, se maj, hemm favur tagħhom il-preskrizzjoni ta' għaxar snin. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat id-digriet tat-3 ta' Frar 1954, li bih, fuq talba tal-attur magħmula b'rikors tal-5 ta' Novembru 1952, ġie msejjaħ fil-kawża Edward G. Arrigo fil-kwalità tiegħu ta' President tal-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja";

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Edward G. Arrigo bħala President tal-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", kjamat fil-kawża b'digriet tat-3 ta' Frar 1954, li biha jallega

illi huwa jassoċja ruħu mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; illi, kuntrarjament għal dak li jallega l-attur, ma kien hemm ebda tibdil fil-volontà tal-fondatur Markiż Vincenzo Bugeja għal dak li jirrigwarda l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", li jista' jġib il-konsegwenza tad-dekadenza domandata mill-attur; illi, del resto, din il-komminazzjoni ta' dekadenza ma tirriżultax applikabbli għall-każ in kwistjoni għaliex it-testatur ordna illi tiddekadi mill-vantaġġi lilha mħollijin minnu dik il-persuna li taltera jew tipprova li taltera l-volontà tat-testatur; jiġifieri, din il-komminazzjoni hi diretta, se maj, mhux kontra l-"Istituto Tecnico" ut sic, imma kontra dawk in-nies li "ex hypothesi" alteraw il-volontà tat-testatur u għar-rigward tal-vantaġġi mħollijin lill-istess nies;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" jinsab il-lum debitament rappreżantat f'dan il-ġudizzju;

Illi l-konvenuti, għat-talba tal-attur, jopponu l-preskrizzjoni deċennali. Din il-preskrizzjoni tinsab ukoll opposta mill-kjamat in kawża, billi dan fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu assoċja ruħu mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-4 ta' Frar 1957, il-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawża hi dik deċennali estintiva tal-petizzjoni tal-legat;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jissottometti li t-talba dedotta minnu mhix diretta għall-otteniment ta' ebda legat, imma biss għal dikjarazzjoni; u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix sollevabbli f'din l-istanza, u tkun talvolta tista' tiġi sollevata jekk u meta huwa, f'każ ta' eżitu favorevoli għalieħ f'din il-kawża, jippromwovi l-azzjoni opportuna għall-kon-

segwiment ta' dak li jkun lilu jispetta bħala konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' dekadenza minnu mitluba. Din is-sottomissjoni tal-attur ma tidherx sostenibbli. Kif jirrilevaw il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża, l-attur ma għamelx din il-kawża sempliċement biex ikollu s-sodisfazzjon li jottjeni l-imsemmija dikjarazzjoni, imma bil-ħsieb li, jekk jirnexxi f'din il-kawża, jipprosegwi b'kawża oħra biex jottjeni dak li jippretendi jkun jispetta lilu konsegwentement għad-dekadenza minnu pretiża. Din l-intenzjoni tal-attur tirriżulta espressament mir-riżerva magħmula minnu fiċ-ċitazzjoni; u anki mingħajr din ir-riżerva, l-istess intenzjoni hi impliċita, u mingħajrha din l-azzjoni ma kienetx tista' tirnexxi. Infatti, id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur hi neċessarjament pre-ordinata għal kawża oħra, għaliex weħedha, jekk ma jipprosegwihiex b'kawża oħra, ma sservieħ għal xejn, billi ma tagħtieħ ebda riżultament utili, u għalhekk ma jistax jiġi ritenut li għandu nteress f'din il-kawża jekk qatt huwa kellu jiddikjara, jew jiġi b'xi mod dubitat li ma għandux intenzjoni li jippromwovi l-azzjoni l-oħra li għaliha din tal-lum hi pre-ordinata; u min jaġixxi għandu jkollu nteress, għaliex l-interess hu l-miżura tal-azzjoni. Konsegwentement, jekk għall-azzjoni li għad trid tiġi promossa, neċessarjament konsegwenzjali għal din tal-lum, hi ta' ostakolu l-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawża, ikun inutili, bħala ta' ebda nteress ġuridiku, għall-attur li jottjeni d-dikjarazzjoni minnu mitluba. L-imsemmija eċċezzjoni hi, għalhekk, sollevabbli f'din il-kawża;

Ikkunsidrat, rigward l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi, kif ingħad, il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża jopponu l-preskrizzjoni deċennali estintiva tal-petizzjoni tal-legat. Ma hemmx dubju li din il-preskrizzjoni hekk eċċepita hi dik kontemplata fl-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi l-azzjoni biex jintalab...... legat...... sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk "ab intestato", tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni;

Din il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ taħt konsiderazzjoni, u l-eċċezzjoni relativa għandha tiġi respinta. Infatti:—

(a) L-attur mhuwiex legatarju, u mhuwiex qiegħed jitlob ebda legat. Il-Markiż Vincenzo Bugeja, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Camilleri tal-4 ta' Diċembru 1888, għamel fondazzjoni ta' Konservatorju għar-rikoveru u l-edukazzjoni ta' bniet iltiema u fqar, taħt ċerti kondizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt, fosthom dik fl-art. 20, li biha l-amministrazzjoni u d-direzzjoni tal-Konservatorju ġiet affidata interament lill-Kumitat ta' Direzzjoni kompost fil-mod preskritt ukoll f'dak il-kuntratt; u dawk fl-art. 20 u 21 li tagħhom hemm estratt fiċ-ċitazzjoni. Fl-art. 22 tal-fondazzjoni, il-Markiż Bugeja ta lil kull wieħed mil-konsangwinei tiegħu, kostitwiti sal-għaxar grad, li jaġixxi ġudizzjarjament u jipprovoka l-bejgħ tal-beni, tar-renditi u tal-mobilja spettanti lill-Konservatorju f'każ ta' trasgressjoni tal-volontà tiegħu espressa fl-imsemmijin artikoli 20 u 21 tal-fondazzjoni; imma dan id-dritt ma ġiex mogħti lilhom bħala legatarji; tant hu hekk li l-istess dritt ġie minnu mogħti wkoll lil kwalunkwe ċittadin;

(b) Il-flus li talvolta jistgħu jidderivaw lill-attur in segwitu għad-dekadenza minnu mitluba, għalhekk, mhumiex legat, u ma jidderivawx mis-suċċessjoni tal-Markiż Vincenzo Bugeja, billi dak l-art. 22 jinsab inkorporat fil-fondazzjoni msemmija magħmula b'kuntratt separat u distint mit-testment magħmul "unica charta" mill-istess Markiż u l-mara tiegħu, il-Markiża Bugeja, li ġie publikat minn Nutar Achille Micallef fit-18 ta' Settembru 1890 (v. fol. 125 proċess in re "Bugeja vs. Benjacar" ġa msemmi);

(ċ) Anki fl-ipotesi li dak li qiegħed jitlob l-attur hu legat, jingħad li l-preskrizzjoni msemmija hi dik li biha min hu ntitolat li jissuċċedi jitlef id-dritt tiegħu li jirreklama l-wirt, f'dan il-każ il-legat, jekk ħadd ieħor ikun akkwista dak il-legat b'pussess għaż-żmien stabbilit mill-liġi. Din il-

preżunzjoni mhijiex estintiva bħal ma jissottomettu l-konvenuti u l-kjamat fil-kawża, imma hi akkwiżitiva, u bħala tali, meta jkun jittratta minn legat, mhux biżżejjed li l-legatarju jibqa' inerti għaż-żmien rikjest mill-liġi biex jintilef id-dritt għall-legat, imma hemm bżonn li l-użurpatur ikun jippossjedi l-ħaġa abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun jippossjediha "animo domini"; liema pussess irid ikun għalhekk kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess għandu jiġi pruvat b'mod infranġibbli, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fiħ innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; liema prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni (Vol. XXXVIII-I-21). U din il-prova l-konvenuti u l-kjamat fil-kawża ma għamluhiex;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi, mingħajr preġudizzju tal-meritu, tiddikjara illi għall-azzjoni tal-attur mhux ta' ostakolu l-artikolu 885 tal-Kodiċi Ċivili; u konsegwentement tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali sollevata mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawża; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Il-kawża tibqa differita "sine die", rijappuntabbli b'rikors biex titkompla fil-meritu meta din is-sentenza ssir ġudikat.

---